31987R2185

L 203/20 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 24.7.1987

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2185/87

tat-23 ta' Lulju 1987

dwar il-ħlas lura tar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni għal ċerti prodotti agrikoli esportati fil-għamla ta' ċerta merkanzija mhux koperta bl-Anness II mat-Trattat u l-imposti ta'ammonti ta' kumpens għall-adeżjoni

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2727/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni Komuni tas-suq fiċ-ċereali ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1900/87 ([2]), u partikolarment l-Artikolu 16(6) tiegħu,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1785/81 tat-30 ta' Ġunju 1981 dwar l-organizzazzjoni tas-suq fis-settur taz-zokkor ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 229/87 ([4]), u partikolarment l-Artikolu 19(7) tiegħu,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 467/87 tal-25 ta' Frar 1986 li jistabbilixxi regoli ġenerali għas-sistema ta' ammonti ta' kumpens ta'l-adeżjoni għaċ-ċereali minħabba l-adeżjoni ta' Spanja ([5]), u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 469/86 tal-25 ta' Frar 1986 li jistabbilixxi regoli ġenerali għas-sistema ta' l-ammonti ta' kumpens ta'l-adeżjoni fis-settur taz-zokkor ([6]), u partikolarment l-Artikolu 7 tiegħu,

Billi ammont ta' kumpens ta'l-adeżjoni jitħallas rigward ċerti prodotti fil-kummerċ ġewwa l-Komunità;

Billi l-kummerċ ġie żvijat rigward ċerti prodotti u għalhekk għandhom jittieħdu miżuri biex jevitaw kull żvijar ta' din ix-xorta;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ta' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni konċernat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-merkanzija elenkata fl-Anness u rilaxxjata għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa fi Stat Membru għandha titqies li kkwalifikat għar-rifużjoni jew rifużjonijiet stabbiliti għal prodotti agrikoli esportati mill-Komunità fil-għamla ta' din il-merkanzija.

2. Meta l-merkanzija msemmija tiġi rilaxxjata għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa l-importaturi għandhom iħallsu lura r-rifużjoni jew ir-rifużjonijiet li jkunu ngħataw.

3. Fejn l-ammont tar-rifużjoni jew tar-rifużjonijiet attwalment konċessi ma jkunx jista jiġi stabbilit għas-sodisfazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, dan għandu jitqies bħala ugwali għar-rifużjoni applikabbli fil-Komunità fid-data li fiha l-merkanzija tiġi importata mill-ġdid. Ir-rifużjoni għandu tiġi kalkolata billi jintużaw il-kwantitajiet ta' prodotti bażiċi elenkati fl-Anness.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx jgħoddu fil-każijiet fejn l-importatur jagħti prova li:

— ma tkun ġiet konċessa ebda rifużjoni, jew

— l-oġġeti jkunu oriġinaw f'pajjiż terz.

Artikolu 2

Meta l-merkanzija msemmija fl-Artikolu 1 tkun ħadet ammont ta' kumpens ta'l-adeżjoni fil-kummerċ ġewwa l-Komunità bejn l-Istati Membri ta' l-oriġini u l-Istati Membri li fihom din tiġi rilaxxjata għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, l-ammont ta' kumpens ta'l-adeżjoni għandu, meta l-merkanzija tiġi rilaxxjata għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, jitħallas ukoll lill-Istati Membri li fihom isir ir-rilaxx imsemmi; id-data li trid tintuża biex tiġi applikata r-rata għandha tkun id-data tar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

([1]) ĠU L 281, ta' l-1.11.1975, p. 1.
([2]) ĠU L 182, tat-3.7.1987, p. 40.
([3]) ĠU L 177, ta' l-1.7.1981, p. 4.
([4]) ĠU L 25, tas-26.1.1987, p. 1.
([5]) ĠU L 53, ta' l-1.3.1986, p. 25.
([6]) ĠU L 53, ta' l-1.3.1986, p. 32.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-23 ta' Lulju 1987.

Għall-Kummissjoni
Frans ANDRIESSEN
Viċi-President

L-ANNESS

Merkanzija (Intestatura tat-TKD Nru)	Kwantitajiet tal-prodotti bażiċi meqjusa bhala wżati għall-fabbrikazzjoni ta' 100 kg ta' l-merkanzija
39.06 B	717 kg ta' zokkor abjad
29.44 A	6 703 kg ta' qamħ ir-rum kif ukoll 787,40 kg ta' zokkor abjad